Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 37/2017

**Fil-kwistjoni ta' xogħol bejn**

**Lucianne Lia**
**(appellata)**

**Vs**

**Borg & Aquilina Ltd**
**(appellanti)**

30 ta' April, 2019.

1. **L-appell sar mill-intimata mis-sentenza tat-Tribunal Industrijali tas-27 ta' Ġunju 2017 permezz ta' liema ddeċieda li għalkemm l-impieg tal-appellanti ġie tterminat għal raġuni valida fil-liġi, il-kumpannija intimata naqset li tagħmilha ċara lir-rikorrenti li f'każ li tonqos li tagħmel dak mistenni minnha kienet ser titkeċċa u għal din ir-raġuni ordna lill-kumpannija ntimata tħallas lir-rikorrenti kumpens ta' €1,000 fi żmien tletin jum.**

2. Mill-atti jirriżulta li:

   2.1. Permezz ta' rikors[1] preżentat fit-Tribunal Industrijali fil-31 ta' Awissu 2015, ir-rikorrenti ilmentat li fl-1 ta' Lulju 2014 kienet impjegata mas-soċjeta intimata iżda fl-1 ta' Ġunju 2015 l-impieg tagħha kien terminat mingħajr raġuni valida fil-liġi.

   2.2. L-intimata wieġbet[2] li t-terminu ta' impieg m'huwiex kontestat u żiedet li l-kariga tar-rikorrenti kienet dik ta' *sales representative.* Iddikjarat li hija ma kinitx sodisfatta bix-xogħol tar-rikorrenti in kwantu ma kienx ta' livell

[1] Fol. 2.
[2] Fol. 5.

adegwat u wissietha diversi drabi b'dan. Żiedet li r-rikorrenti ma kinitx qegħda taħdem is-sigħat kollha u kienet tibda ferm aktar tard mill-ħin stabbilit. L-intimata wieġbet ukoll li hija sofriet telf finanzjarju minn tnaqqis fil-bejgħ fil-perjodu meta r-rikorrenti kienet impjegata magħha meta kkumparat ma' snin oħra u ma ħaddiema oħra li kienu jagħmlu l-istess xogħol. Irrespinġiet għalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti li t-tkeċċija tagħha kienet mingħajr raġuni valida fil-liġi u konsegwentement ċaħdet kull pretensjoni għal ħlas ta' kumpens.

2.3. Il-parti dispożittiva tas-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017 tat-Tribunal, taqra

> *'.... it-Tribunal qiegħed jiddikjara li t-tkeccija tar-rikorrenti kienet ghal raguni valida fil-ligi u f'dan ir-rigward ir-rikorrenti mhix intitolata tkun ikkumpensata ghall-hames jew sitt xhur li damet bla xoghol. Pero' l-kumpanija intimata naqset li taghmel il-pozizzjoni taghha cara mal-impjegata taghha, fis-sens li fin-nuqqas li taghmel dak mistenni minnha hija kienet ser titkecca, u ghal dan in-nuqqas qed jigi ordnat li l-kumpanija intimata tikkumpensa lir-rikorrenti b'ammont nominali biss. Ghaldaqstant it-Tribunal jordna lill-intimata thallas lir-rikorrent kumpens ta' elf Euro (€1,000.00) fi zmien tletin jum mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' disghin Euro (€90.00). B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.'*

3. Minn din id-deċiżjoni appellat il-kumpannija intimata. L-aggravju tagħha huwa wieħed. Tilmenta li meta t-Tribunal Industrijali ordna illi l-appellata tingħata kumpens għall-mod kif ġiet imkeċċija, it-Tribunal kien qed jaġixxi *ultra vires* u/jew *ultra petitae* stante li s-setgħat tat-Tribunal huma ċirkoskritti mill-artikolu 81 tal-Kap. 452 li jagħti biss is-setgħa lit-Tribunal jordna kumpens f' każ ta' sejbien ta' tkeċċija nġusta. Tgħid li f' dan il-każ it-Tribunal innifsu ddikjara li t-tkeċċija tar-rikorrenti kienet għal raġuni valida fil-liġi li jfisser li t-tkeċċija ma kinitx waħda inġusta ai termini tal-artikolu 81 tal-Kap. 452. Għalhekk, filwaqt li l-appellanti tikkontesta li l-appellata ma kinitx imwissija fuq il-konsegwenzi tal-aġir tagħha, tissottometti li t-Tibunal ma kellux is-setgħa sabiex jordna l-ħlas ta' kumpens wara li kien iddeċieda li t-tkeċċija kienet għal raġuni valida fil-liġi.

4. L-appellata wieġbet li l-kundanna tal-appellanti għall-ħlas hi ġustifikata.

**Konsiderazzjonijiet.**

5. In materia ta' twissijiet, f'***Selwyn's Law of Employment*** jingħad:

> *'... there is no rule of law which requires warnings to be given in all cases;* ***it is merely a rule of good industrial practice.*** *Warnings are matters of*

*substance, not procedure (James v Waltham Holy Cross UDC). Whether a warning should have been given will depend on the all the circumstances of the case, including its effectiveness, and the alternative course which may have been available or adopted.* ***If a tribunal considers that, had a clear warning been given, a dismissal would not have been necessary, then it <u>will</u> conclude that a dismissal without such a warning will be unfair*** *(Jones v GEC Elliot Automation Ltd).* ***Conversely, if a warning would have had no effect, then a failure to give one will not by itself render a dismissal unfair*** *(AJ Dunning & Sons (Shopfitters) Ltd v Jacomb)*[3].

6. Fil-każ in eżami għalkemm it-Tribunal kien tal-fehma li t-twissijiet mogħtija lir-rikorrenti ma kinux suffiċjentement ċari dwar dak mistenni minnha u l-konsegwenzi relattivi, ikkonkluda li ***'t-tkeċċija tar-rikorrenti kienet għal raġuni valida fil-liġi'*** **u** ***'ġustifikata'***. Fit-tweġiba r-rikorrenti argumentat li *"… mhux minnu li l-esponenti ngħatat twissijiet verbali u jew bil-miktub, imma tkeċċiet ħabta u sabta minn Mario Laudi, darba fost l-oħrajn wara li daħlet għax-xogħol"*. Irrispettivament mill-warnings, fil-motivazzjoni tas-sentenza it-Tribunal kien ċar li r-rikorrenti wriet nuqqas ta' responsabbilta' meta kienet ripetutament tidħol tard għax-xogħol u wkoll bil-kwantita ta' ċitazzjonijiet relatati ma' offiżi ta' liġijiet tat-traffiku li kienet qegħda taqla'. It-Tribunal osserva, *"Kumpannija ma tistax tibqa' kontinwament titlef il-flus minħabba l-inaffidabilita' ta' impjegata.* ***Dan it-Tribunal jemmen li r-raġuni tat-terminazzjoni tal-impieg kienet ġustifikata****"*. Wara li din il-qorti qrat dak li xehedu Josianne Bonnici Previ, Lawrence Darmanin, Charlo Caruana u Mario Cassar Laudi m'għandha l-ebda dubju li t-Tribunal wasal għall-konklużjoni korretta. L-atteġġament tar-rikorrenti fir-rigward tar-responsabbiltajiet tagħha bħala impjegata ma kien xejn serju u kien evidenti li ma riditx tibdlu. F'dawk iċ-ċirkostanzi wieħed ma jistax jippretendi li l-prinċipal kellu jibqa' jittollera dak l-atteġġament ta' *laissez faire* mill-impjegata.

7. Ir-rikorrenti m'appellatx mis-sentenza. Għalhekk dik il-parti tas-sentenza fejn it-Tribunal qal li r-rikorrenti tkeċċiet *'għal raġuni valida fil-liġi'*, hi ġudikat.

8. Skont artikolu 2 tal-Kap. 452:

> *"tkeċċija inġusta", dwar ħaddiem, tfisser –*
>
> *(a) it-temm mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' impieg għal żmien mhux stabbilit (barra minn impieg bi prova skont kif imfisser f'dan l-Att) li jkun temm li ma jsirx biss minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt dan l-Att, jew*

[3] ***Selwyn's Law of Employment,*** Astra Emir, 20th ed., pg 358 para 12.83.

*(b) li jkun sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 64(4), jew*

*(ċ) li, għalkemm isir minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa, ikun diskriminatorju kif imfisser f'dan l-Att jew f'xi regolamenti magħmulin taħtu;*

*u tinkludi kull nuqqas mill-prinċipal li jerġa' jimpjega lil dik il-persuna jew li jerġa' jimpjegaha skont l-artikolu 36(3)'*

9. Mill-parti tal-motivazzjoni u dispożittiva tas-sentenza tat-Tribunal hu ċar li kkonkluda li r-rikorrenti tkeċċiet mix-xogħol għal *'raġuni xierqa'*. Madankollu t-Tribunal xorta ordna li l-intimata għandha tħallas lir-rikorrenti kumpens minħabba l-fatt li t-twissijiet mogħtija lilha ma kinux jispeċifikaw li hija setgħat titlef l-impieg tagħha jekk tonqos milli tagħmel dak mistenni minnha. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva kif fir-rikors promotur ir-rikorrenti ma lmentatx li t-twissijiet li ngħatat ma kinux ċari. L-ilment tagħha kien li tkeċċiet mill-impieg meta *'ma kienx hemm raġuni valida skond il-liġi sabiex l-impieg ikun terminat'*, u dwar dak kellu jiddeċiedi t-Tribunal.

10. Għalkemm '*it is perfectly possible for a dismissal to be unfair (eg, because the correct procedure has not been followed) but for nil compensation to be awarded on the ground that the employee contributed totally towards his dismissal (Kristapaitis v Thistle Seafood Ltd )'* [4], il-jedd għall-kumpens hu mogħti mil-liġi fejn it-tkeċċija tkun inġusta.

11. L-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi kif ġej:

*'(2) Meta, fuq ilment magħmul skont l-arikolu 75,* ***it-Tribunal isib li r-raġunijiet għall-ilment ikunu bbażati tajjeb*** *–*

*(a)* ***f'każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta****, jekk ma jkunx hemm talba speċifika biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat kif inqal qabel,* ***it-Tribunal għandu jagħti sentenza ta' kumpens****, li għandha titħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l-ilment, rigward it-tkeċċija:*

*Iżda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-ħaddiem;*

*(b) f'kull każ ieħor ħlief għall-każijiet fejn jiġi allegat ksur tal-artikolu 26, 27, 28 jew 29 it-Tribunal għandu jagħti dak l-ordni li jidhirlu meħtieġ biex jirrimedja l-ksur jew jista' jagħti sentenza ta' kumpens li għandu jitħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l-ilment, jew jista' jagħti sentenza ta' kumpens u jagħmel dawk l-ordnijiet li jidhirlu xierqa biex jirrimedja l-ksur; u*

[4] ***Selwyn's Law of Employment,*** Astra Emir, 20th ed., pg 451 para 17.215.

*(ċ) fil-każijiet fejn jiġi allegat ksur tal-artikoli 26, 27, 28 jew 29 għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 30(2)'*

12. Jeħtieġ li qabel xejn issir refrenza għall-parti inizjali tal-artikolu 81(2). Dan jibda billi jiġbor dawk l-**ilmenti magħmula skont l-artikolu 75** u li t-Tribunal isib li jkunu bbażati tajjeb. L-artikolu 75 tal-Kap. 452 jipprovdi kif ġej:

*'(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi -*

*(a) il-kazijiet kollha* ***fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta****; u*
*(b) il-każijiet kollha li* ***jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu'***

13. Ir-rimedju li jagħti **l-paragrafu (a) tal-arikolu 81(2)** huwa limitat għall-ewwel kategorija, ossija, għal rimedji li jistgħu jingħataw mit-Tribunal f' każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta. Stabbilit diġa li t-Tribunal iddeċieda li '*t-tkeċċija tar-rikorrenti kienet għal raġuni valida fil-liġi*' u '*ġustifikata'* u ma ġiet ravviżta ebda diskriminazzjoni kif imfissra fil-Kap. 452, isegwi li l-paragrafu (a) tal-artikolu 81(2) tal-Kap.452 ma japplikax għall-każ in diżamina.

14. Inoltré, la d-deċiżjoni appellata u lanqas ir-rikors promutur m'huma bażati fuq l-artikoli 26, 27, 28 jew 29 tal-Kap. 452. Disposizzjonijiet li jirreferu għall-każijiet ta' diskriminazzjoni, vittimizzazzjoni jew *harassment*, li m'humiex rilevanti għall-każ in eżami. Għalhekk, lanqas ma japplika **paragrafu (ċ) tal-artikolu 81(2) tal-Kap.452**.

15. Jonqos għalhekk jiġi deċiż jekk, minkejja li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrenti ma knitix inġusta, it-Tribunal kellux il-*vires* jordna lill-intimata tħallasha kumpens għan-nuqqasijiet ravviżati fit-twissijiet a tenur **tal-artikolu 81(2)(b)**. Dan il-paragrafu jirreferi għal **'*kull każ ieħor*' b'esklużjoni tal-każijiet fejn jiġi allegat ksur tal-artikolu 26, 27, 28 jew 29'**. Huwa ovvju li dak il-paragrafu **jeskludi wkoll il-każijiet ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta** li jissemma f'paragrafu (a).

16. Isegwi b' mod loġiku, fl-isfond tal-fatt li l-artikolu 81(2) jirreferi għal rimedji għall-ilmenti fondati li jkunu saru skont l-arikolu 75, li l-paragrafu (b) tal-artikolu 81(2) qiegħed jirreferi għalhekk **għall-każijiet l-oħra kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I tal-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu esklużi dawk li hemm fl-artikolu 26, 27, 28 u 29**. Madanakollu, jekk wieħed iħares lejn it-Titolu I tal-Att, huwa biss l-artikolu 30 li jipprovdi ċirkostanzi meta jistgħu jitressqu ilmenti quddiem it-

Tribunal Industrijali u dawn jirreferu proprju għal ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 26, 27, 28 jew 29.

17. Żgur iżda li l-artikolu 81(2)(b) ma jistax iservi bħala l-bażi tal-kumpens mogħti fil-każ in eżami ġialadarba t-Tribunal iddeċieda li t-tkeċċija kienet għal raġuni valida. Dan apparti li waqt il-kawża t-twissijiet li ngħataw lir-rikorrenti ma kinux *fact in issue*. Hekk per eżempju fir-rikors promotur lanqas biss ma ssemmew. Wara li l-qorti qrat il-proċess hi tal-fehma li l-materja dwar it-twissijiet ħareġ biha għall-ewwel darba t-Tribunal, meta ma kienx hemm ilment dwarha. It-Tribunal għandu jiddeċiedi a bażi tal-ilment li jkun sar mill-impjegat.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti, sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tilqa' l-appell tal-kumpannija intimata billi tirriforma s-sentenza tat-Tribunal tas-27 ta' Ġunju, 2017 u tħassar dik il-parti li biha s-soċjeta intimata kienet kundannata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf ewro (€1,000) fi żmien tletin jum mid-data tal-istess sentenza.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tar-rikorrenti.**

Anthony Ellul.